QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 5 TA' SETTEMBRU 2001

Avviz Nru: 739/00

Francis Borg

Vs

George Bellizzi u martu Carolin Bellizi ghal kull interess li jista' jkollha fil-ligi

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti sabiex dawn jizgombraw u johorgu fi zmien qasir u perentorju mill-garage bla isem, proprjeta tal-attur, fi Triq Mons Alfred Mifsud, B'Kara u stante li llum qeghdin jokkupawh minghajr ebda titolu validu fil-ligi, prevja kull dikjarazzjoni li kull titolu li kellhom illum huwa tterminat.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni. B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-attur ghall-arretrati tal-kera u kumpens u/jew danni ghall-okkupazzjoni.

Bil-valur lokatizju iddikjarat li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000).

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti li biha iddikjaraw illi huma digia kkonsenjaw l-pussess lill-attur anke qabel in-notifika tal-istess kawza.

Rat in-nota ta' cessjoni tas-sorte pprezentata mill-attur fil-31 ta' Mejju 2001 permezz ta' liema hu irrinunzja s-sorte izda zamm ferm il-kap tal-ispejjez.

Billi l-konvenuti ma dehrux biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni, t-talba attrici ghall-ispejjez tirrizulta gustifikata u timmerita konferma, u

Ghaldaqstant il-Qorti prevja li tiddikjara li mhux se tiehu konnjezzjoni ulterjuri tas-sorte tal-kawza qieghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu l-ispejjes tal-kawza lill-atturi.

S.Farrugia Magistrat

Dep/Reg